MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2010

Numru 82/2007

**PULIZIJA**
**SPETTUR GEOFFREY AZZOPARDI**
**VS**
**OMISSIS A**
**OMISSIS B**
**OMISSIS C**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Omissis A, ta’ omissis-il sena, iben Omissis D u Omissis E, imwieled omissis, Nru ta’ l-Identita’ omissis. Omissis B ta’ omissis-il sena, iben Omissis F u Omissis G, imwieled omissis. Nru ta’ l-identita’ omissis. Omissis C ta’ omissis-il sena, iben Omissis H u Omissis I, imwieled omissis. Nru ta’ l-Identita’ omissis.

Illi intom akkuzati talli fit-18 ta’ Jannar 2005 u/jew fil-gimghat ta’ qabel:

1). Fil-Mosta ikkommettejtu serq ta' sett numri tar-registrazzjoni WPC 568 minn fuq il-vettura ta' l-ghalma Hillman Hunter, liema serq li huwa kkwalifikat bil-mezz u biex xorta tal-haga misruqa, sar ghad-dannu ta' Joseph Mary Botterrill mill- Mosta u/jew persuni ohra;

2). Fil-Mosta u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, xjentement ilqajtu ghandkom jew xtrajtu hwejjeg, u cioe' in-numri tar- registrazzjoni imsemmija, misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun indahhlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

3). Fil-Mosta u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, sabiex kisbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom infushom jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz, billi wahhlu sett ta' numri tar-registrazzjoni foloz (WPC 568) fuq vettura ta' l-ghamla Lada Samara;

4). Fil-Mosta u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, ghamlu falsifikazzjoni jew ghamlu uzu minn dokument iehor falsifikat billi uzaw sett ta' numri tar-registrazzjoni (WPC 568) fuq vettura ta' l-ghamla Lada Samara.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u ta' l-imputat, *Ommissis C* sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat *Ommissis C*;

Semghat il-konferma ta’ l-istess amissjoni ta’ l-imputat wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Rat il-verbal tas-3 ta’ Mejju 2010 fejn il-Qorti laqghat it-talba tal-Prosekuzzjoni ghal separazzjoni tal-gudizzju.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess amissjoni ta’ l-imputat, il-Qorti ssib lill-imputat, *Omissis C* hati ta’ l-ewwel akkuza, tat-tielet u tar-raba’ akkuza, issibu mhux hati tat-tieni akkuza li hija alternattiva ghall-ewwel akkuza u minnha tilliberah, u wara li rat l-artikoli 261, 263, 264, 271, 186, 187, Artikolu 37 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 7 tal-Kap.446, tqieghed lill-imputat taht ordni ta’ Probation u dana ghal-perijodu ta’ tmintax-il xahar.

Din il-piena tigi akkordata in vista tal-Fedina Penali ta’ l-imputat il-fatt illi huwa minorenni, in vista ta’ l-ammissjoni bikrija tieghu u minhabba c-cirkostanzi kollha tal-kas.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------